

22006D0728

27.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 298/25

**DEĊIŻJONI Nru 2/2006 TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR L-AVJAZZJONI KOMUNITÀ/ŻVIZZERA**

**tat-18 ta' Ottubru 2006**

**li temenda l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru**

(2006/728/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT DWAR L-AVJAZZJONI KOMUNITÀ/ŻVIZZERA,

2. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni:

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

"Nru 550/2004

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 550/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizzi).

*Artikolu 1*

1. Dan li ġej għandu jidħol wara t-tmiem tal-punt 5 (Sigurtà fl-Ajru) ta' l-Anness għall-Ftehim, kif imdaħħal mill-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kumitat Konġunt dwar l-Avjazzjoni Komunità/Żvizzera tat-12 ta' Lulju 2005 <sup>(1)</sup>.

Rigward l-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikolu 16, kif emendat aktar 'l isfel.

Għall-finijiet tal-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jin-qara bl-adattamenti li ġejjin:

**"6. Il-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru"**

2. In-numerazzjoni tal-punt 6 (Oħrajn) ta' l-Anness għall-Ftehim għandha tinbidel għal 7.

a) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet 'u l-Iżvizzera' wara l-kelma 'il-Komunità'.

*Artikolu 2*

1. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni:

b) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 6, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet 'u l-Iżvizzera' wara l-kelma 'il-Komunità'.

"Nru 549/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 549/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew (ir-regolament ta' Qafas).

c) L-Artikolu 8 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet 'u l-Iżvizzera' wara l-kelmiet 'fil-Komunità'.

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 6, 8(1), 10, 11 u 12.

d) L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet 'u l-Iżvizzera' wara l-kelmiet 'fil-Komunità'.

Minkejja l-adattament orizzontali pprovdut fl-ewwel inċiż ta' l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-'Istati Membri' li jnsabu fl-Artikolu 5 tar-Regolament 549/2004 jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/468/KE msemmija f'dak il-provvediment ma għandhomx jinftiehem li japplikaw għall-Iżvizzera."

e) L-Artikolu 16, il-paragrafu 3, għandu jitbiddel b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri, u tgħarraf b'dan lill-fornitur tas-servizz, fil-grad li dan huwa kkonċernat fil-liġi."

<sup>(1)</sup> ĠU L 210, 12.8.2000, p. 46.

3. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) ta' din id-Deċiżjoni:

“Nru 551/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 551/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' l-ispazju ta' l-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-ispazju ta' l-arja).

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 2, 3(5) u 10.”

4. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(3) ta' din id-Deċiżjoni:

“Nru 552/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 552/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ir-Regolament ta' l-interoperabilità).

Fl-Iżvizzera, l-Kummissjoni għandha tgawdi l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 4, 7 u 10(3).

Għall-finijiet tal-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jin-qara bl-adattamenti li ġejjin:

a) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet ‘jew l-Iżvizzera’ wara l-kelmiet ‘fil-Komunità’.

b) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 4, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet ‘jew l-Iżvizzera’ wara l-kelmiet ‘fil-Komunità’.

c) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 3, it-tieni inċiż u dak ta' l-aħħar, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet ‘jew l-Iżvizzera’ wara l-kelma ‘Komunità’.”

5. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(4) ta' din id-Deċiżjoni:

“Nru 2096/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1096/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-provvista ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikolu 9.”

6. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(5) ta' din id-Deċiżjoni:

“Nru 2150/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru.”

#### Artikolu 3

1. Fil-punt 3 (Armonizzazzjoni Teknika) ta' l-Anness għall-Ftehim, għandu jitħassar dan li ġej:

“Nru 65/93

Id-Direttiva tal-Kunsill dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali kompatibbli għall-ksib ta' tagħmir u sistemi għall-amministrazzjoni tat-traffiku fl-ajru.

(l-Artikoli 1-5, 7-10)

Nru 15/97

Id-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) 15/1997 tal-25 ta' Marzu 1997 li tadotta l-istandards tal-Eurocontrol u temenda d-Direttiva 93/65/KEE dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali kompatibbli għall-ksib ta' tagħmir u sistemi għall-amministrazzjoni tat-traffiku fl-ajru.

(l-Artikoli 1-4, 6)”

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, u fil-Kompendju Uffiċjali tal-Liġi Federali Żvizzera. Tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara dak ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Ottubru 2006.

#### Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kap tad-Delegazzjoni  
tal-Komunità

Daniel CALLEJA CRESPO

Il-Kap tad-Delegazzjoni  
Żvizzera

Raymond CRON